# 39. Xita tad-Deheb

Meta tehda t'April ix-xita bnina
li tiksi r-raba' b'kisja ħadra fina,
tibda ta' Mejju x-xita dehbenija
li traxxax minn ġox-xemx għargħar qawwija
li jdiehbu lill-uċuh barra mid-dwieli
u ftit għelieqi tat-tadam bix-xtieli.

U meta ssir tad-deheb sa l-aħħar sbula
u l-peprin jegħja jiżfen f'tarf il-ħbula,
jasal il-minġel mgħawweġ tal-ħassad
li jħalli flok is-sbul tafli w bajjad.

Wieħed poeta lemaħ ħafna mniezel
ta' qamħ u xgħir maħsud, u b'ħafna pniezel
suwed ħażżeż lill-Mewt bħala sultana
tħares mingħajr għajnejn lejhom daħkana.

Alla jaħfirlu kemm kien moħħu qsajjar!
Ta' qatgħa ħamiem li għad tittajjar
ġo kull munzell hemm ġwienaħ bajdanin,
ta' petirrossi dbabar ħamranin,
u ġeżżiet mielsa ta' merħliet ta' ħrief,
u qaqi tat-tiġieġ, u bajd bil-qfief,
ta' fuq l-uċuh tat-tfal hemm il-wardiet:
hemm, fi ftit kliem, il-barka tas-smewwiet,
il-ħajja ġdida mnibbta kull rebbiegħa
fuq il-fdal ta' l-imwiet ta' l-art fil-qiegħa.